**SECONDARY SCHOOLS**

# ANNUAL EXAMINATIONS 2001

**Educational Assessment Unit - Education Division**

| FORM 3 | RELIGION | Time: 1½hours |
|---|---|---|

**Name**________________________________ **Class**__________________

## L-EWWEL SEZZJONI

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:**

1. **X'ġara fl-Appostli dak in-nhar tal-Pentekoste?**

2. **Kif tippreżenta ruħha lilna t-tentazzjoni?**

3. **X'tifhem bil-kelma 'Adorazzjoni'?**

4. **X'kienet dik il-ħaġa speċjali li Alla ta lill-bniedem u ma tahiex lill-ħlejjaq l-oħra?**

5. **X'kien il-Kmandament Ġdid li tana Ġesù?**

6. **Min kiteb it-talba 'Mulej agħmilni strument tal-paċi tiegħek'?**

7. **Min kienu t-tliet iħbieb ta' Ġesù li kien imur jistrieħ għandhom f'Betanja?**

8. **Liema Kmandament jobligana li nirrispettaw lill-ġenituri tagħna?**

9. **Min kienu l-akbar ħbieb ta' ġewwa li kellu Ġesù?**

10. **Għal xiex baqa' msemmi ż-żgħażugħ Tobija?**

**(20 marka)**

**IT-TIENI SEZZJONI**

**Imla din it-Tisliba:**




1. **Dan kien ħabib intimu ta' David.**
2. **Fejn hemm in-niket għandna nferrxu dan.**
3. **Kull ma nagħmlu ma' dawn inkunu qed nagħmluh ma' Ġesù.**
4. **Ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' din is-sieħba tiegħu.**
5. **Wieħed mill-personaġġi li deher ma' Ġesù fit-Transfigurazzjoni.**
6. **Is-sess irid ikun espressjoni ta' din.**
7. **Importanti li nagħmlu dan biex negħlbu t-tentazzjoni.**
8. **Ġesù hekk qalu lix-xitan, "Lil dan għandek tadura u taqdi".**
9. **Min jieħu dan falz ikun qed jipprova jsieħeb lil Alla fil-gideb tiegħu.**
10. **San Martin qasam nofs dan u tah lil wieħed fqir.**

**(10 marki)**

## IT-TIELET SEZZJONI

Qabbel dawn is-siltiet billi tniżżel in-numru fejn suppost:

| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-fiduċja hija ħaġa serja u li | | m'hijix dnub |
| 2. Il-kuxjenza | | ħallini ndaħħal il-fidi |
| 3. It-tentazzjoni | | u ara kollox kien tajjeb ħafna" |
| 4. Inżommu kuntatt ma' Alla | | rridu naħdmu għaliha bil-fatti |
| 5. Fejn hemm id-dubju | | kif wieħed ikasbar lil Alla |
| 6. Is-sess huwa kumnikazzjoni bejn | | Ġesù jaqsam magħna mill-Glorja tiegħu |
| 7. "U ħares Alla lejn kull ma għamel | | ikun hemm fiduċja sħiħa |
| 8. Fil-Ġenna | | hija l-leħen t'Alla fina |
| 9. Bejn il-ħbieb irid | | żewġ persuni li jagħtu lilhom infushom lil xulxin |
| 10. Is-sataniżmu huwa l-agħar mod | | billi nitolbu u naqraw il-Kelma Tiegħu |

(10 marki)

## IR-RABA' SEZZJONI

Aqra s-silta t'hawn taħt u wieġeb il-mistoqsijiet:

> "Minn dak in-nhar Ġesù beda juri lid-dixxipli tiegħu li kien meħtieġ għalih li jmur Ġerusalemm, isofri ħafna mix-xjuħ u l-qassisin il-kbar u il-kittieba, joqtluh, u fit-tielet jum iqum. Pietru ġibdu lejh u beda jlumu u jgħidlu: 'Allaħares, Mulej! Ma jkun qatt li dan jgħaddi minn għalik!' Iżda Ġesù dar u qal lil Pietru: 'Itlaq minn quddiemi, ja xitan! Int tfixkil għalija, għax ma intix tqis il-ħwejjeġ ta' Alla, imma qiegħed taħsiba ta' bniedem li int!'" (Mattew 16, 21-23)

1. Minn xhix kellu jgħaddi Ġesù?

_______________________________________________

(2 marki)

2a. X'sejjaħlu Ġesù lil Pietru?

_______________________________________________

(1 marka)

2b. Għaliex taħseb sejjaħlu hekk?

_______________________________________________

(3 marki)

3. Kif ġab ruħu Ġesù quddiem it-tentazzjoni?

(2 marki)

4. Kif għandek iġġib ruħek meta tiġi ttantat mix-xitan?

(4 marki)

5. Semmi żewġ tentazzjonijiet u għid kif tista' tgħelibhom.

(4 marki)

6. Minn fejn jiġu t-tentazzjonijiet li jkollna aħna?

(4 marki)

(20 marka)

IL-ĦAMES SEZZJONI

Agħżel WIEĦED minn dawn is-suġġetti t'hawn taħt u ikteb fit-TUL dwaru fuq il-karta pprovduta:

1. IL-PROXXMU

a) Agħti żewġ raġunijiet għaliex aħna għandna nħobbu u nirrispettaw il-proxxmu tagħna.

b) Ikteb żewġ eżempji fejn Ġesù laqa' u għin lil min kien meqjus ħażin u mill-agħar quddiem is-soċjetà.

c) X'differenza tgħaddi bejn 'timxi biss bil-ġustizzja' u 'timxi bl-imħabba'?

d) Aħna nitolbu 'Fejn hemm il-ħtija ħallini nferrex il-maħfra'. Għid x'tista' tagħmel biex lil min għamillek id-deni turih li ħfirtlu.

2. IL-ĦBIBERIJA

a) Xi tfisser ħbiberija sinċiera?

b) Irrakonta l-ġrajja tal-ħbiberija bejn Ġonatan u David.

c) Uri permezz ta' żewġ eżempji kif Ġesù bena ħbiberija sinċiera u qawwija ma' l-Appostli tiegħu.

d) 'Il-ħbiberija tikber u tiżvilluppa daqskemm aħna nkunu kapaċi nikkomunikaw bejnietna.' Għid x'jiġifieri, 'nisimgħu lil xulxin' u 'inneħħu l-preġudizzju'.

(40 marka)